MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 245/2008

**Rosario Cortis (ID Numru 932148M)**

**Vs**

**Francis Saviour Curmi (ID Numru 10066M)**

Il-Qorti,
Rat l-avviz ossija rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta’ erbat elef, disa’ mija u erba’ u tmenin Euro u sitta u tmenin centezmu (€4,984.86) rapprezentanti danni sofferti mill-attur a kawza ta’ agir illecitu u frawdolenti da parti tal-konvenut u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1689/08 u l-mandat ta’ qbid numru 1691/08LM bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza, specjalment il-verbal tas-seduta tal-lum stess li fiha dehru l-partijiet kif assistiti.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba ghall-hlas imsemmi fl-avviz ossija rikors in esami izda m'hux ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess rikors ossija avviz.

Semghet lill-partijiet dwar l-istess nota.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbal tas-seduta tal-lum u min-nota ta' ammissjoni msemmija presenti l-partijiet kollha bid-difensuri taghhom rispettivi, il-konvenut ammetta t-talba ghall-hlas maghmula mill-attur izda ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess avviz ossija rikors u ghalhekk din is-sentenza ser tinghata limitatament ghall-kanonizzazjoni tal-attur bhala kreditur tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' it-talba tal-attur kif hawn fuq limitata u tikkundana lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' €4,984.86 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet numru 1689/08 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inklusi dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid numri 1689/08 u 1691/08LM rispettivament, imsemmijin fl-istess avviz ossija rikors in esami.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------